**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Ivan Cilia)**

**(Assistent Kummissarju Ian J. Abdilla)**

**Vs**

**Ronald Agius**

**Stephanie Theuma**

Kump Nru: 1217/09

Illum 20 ta' Gunju 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Ronald Agius, ta' 62 sena, iben Emanuel u Olga nee' Camilleri, imwieled il-Gzira, fis-17 ta' Novembru 1947 u residenti 50, Triq Giuseppe Stivala, Naxxar, detentur ta' karta tal-identita' 1044447(M) u l-imputata Stephanie Theuma, ta' '46 sena, bint John u Winifred nee' Lewis, imwielda tas-Sliema, fit-8 ta' Ottubru, 1963 u residenti 50, Triq Giuseppe Stivala, Naxxar, detentric ta' karta tal-identita' 566963(M).

Billi intom akkuzati talli f' Jannar 2007, u fix-xhur u s-snin ta' wara, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differrenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Approprjajtu rwiehkom, billi dawwartu bi profitt ghalikom jew ghal persuni ohra, is-somma t' aktar minn elfejn tlieta mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Charles Aquilina u John Bugeja, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilkom taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat;

2. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamiltu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdejtu b'qerq iehor, ingann, jew billi urejtu haga b'ohra sabiex iggieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamiltu qligh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Charles Aquilina u John Bugeja.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tapplika mutatis mutandis id-disposizzjonijiet ta' l-Art 5 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Art 23A (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u sabiex f'kaz ta' htija, tapplika l-provedimenti tal-Art 23B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' malta.

Il-Qorti hija wkoll gentilment miltuba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Art 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli indikati fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz taghha l-imputati ntbaghtu sabiex il-kaz taghhom

jigi deciz minn din il-Qorti u li l-istess imputati ddikjaraw li m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi hekk deciz.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha inkluz in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati jinsabu akkuzati bir-reat ta' approprjazzjoni indebita u bi frodi ghad-dannu ta' Charles Aquilina u John Bugeja.

L-ufficjal investigattiv **Ivan Cilia**[1] xehed li l-pulizija rceviet rapport minghand Charles Aquilina li huwa u l-imputat Ronald Aquilina bdew jimpurtaw xi affarijiet minn barra. Charles Aquilina ighix hafna zmien barra minn Malta. Il-ftehim kien li Charles Aquilina johrog sehmu u kemm bhala kapital u qliegh kellu jkunu fifty/fifty. Allegatament kien se jkun hemm importazzjoni ta' xi birra u Ronald Agius talab lil Charles Aquilina biex jitrasferilu xi flus. Irrizulta li sar trasferiment minn Bank Ingliz fejn Charles Aquilina ittrasferixxa fil-kontijiet ta' GL Trading Ltd diversi ammonti li fit-total taghhom kienu jammontaw ghal €274,131.

L-ewwel zewg trasferimenti kienu ghall-birra Heineken. Charles Aquilina sostna li rcieva email minghand Ronald Agius b'kopja ta' invoice li kienet tindika l-ammont ta' €34,959. Sussegwentement ftehmu li jidhlu ghal importazzjoni ta'xi tip ta' zraben li jkunu fuq ir-rollers u ttrasferixxa xi flus in relazzjoni ma' dawn u rcieva email b'invoice ta' dan ix-xoghol. Iz-zraben qatt ma waslu f'Malta u b'hekk ftehmu fuq progett iehor li semmewh Pizza Hands li kien jikkonsisti fi progett li jixtru franchise lill-operaturi ohra f'Malta li kellhom imexxu l-hwienet huma. Charles Aquilina kien ghamilha cara lil Ronald Agius li huwa ma xtaqx jidhol f'managing outlets u kull ma ried kien li

[1] Seduta tat-18 ta' Jannar 2010

jimpurtaw u jbieghu l-affarijiet. Charles Aquilina jaf li suppost gew impurtati erba' kontejners ta' birra u li x-xoghol tal-pizza kien beda wkoll. Huwa kien jitlob lil Ronald Agius statement ta' kif kienu sejrin l-affarijiet, Agius dejjem kien ighidlu b'email u verbalment li l-affarijiet kienu sejrin sew u ma kellux ghalfejn jinkwieta. Charles Aquilina sar jaf lil certu John Bugeja u nduna li kien Bugeja li kien importa l-kontejners tal-birra u kien Bugeja li hallas ghal dawn il-kontejners u ghalhekk Aqulina sostna li flusu ntuzaw ghal xi affarijiet ohra.

Ix-xhud kompla li l-pulizija kelmet lil John Bugeja. Huwa spjega kif iltaqa' ma' Ronald Agius u kien qallu li xtaq jimporta xi kontejners tal-birra. Dan il-progett kellu suppost jigi finanzjat minn Bugeja nnifsu u Agius ghall-bidu talbu biss 5% tal-profitti. Bugeja sab il-bejgh f'Malta tal-kontejners. Qal li gabar il-flus minghand il-klijenti tieghu u ghadda kollox lil Ronald Agius, pero' Ronald Agius qatt ma tah xejn mill-qliegh. Bugeja spjega kif wara l-ewwel konsenja billi ra lil Ronald Agius jimxi ta' ragel mieghu qallu biex il-qliegh jaqsmuh nofs bin-nofs. Agius spjegalu li sehmu kien se johorgu xi Ingliz Malti anzjan u kull ma ried ta' sehmu kien biss 5% u ghalhekk ingiebu zewg kontejners ohra. It-tlett kontejners thallsu minn John Bugeja wkoll wara li gabar il-flus minghand il-klijenti tieghu. Fuq ir-raba' kontejner kien hemm xi problema mad-dwana u l-kontejner inzamm ghal xi zmien u imbaghad gie rilaxxat minghajr ma' Bugeja kien jaf u jidher ghalhekk ir-raba' kontejner thallas minn Ronald Agius. Bugeja qal li kien akkumpanja lil Agius ghal fiera fir-Rumanija fejn kienu raw xi prodotti ta' pizza pero' huwa ma kien involut f'ebda progett iehor ta' importazzjoni. Kien f'Mejju 2008 meta John Bugeja iltaqa' ma' Charles Aquilina u kwindi rrelaizza minn kien ir-ragel Ingliz anzjan w allura ndunaw li Ronald Agius uza l-finanzi taghhom biex jiffinanzja dawn il-progetti izda ma jrodd xejn lura minn dak li kien ha minghandhom.

Sussegwentement fl-14 ta' April 2009, l-ufficjal investigattiv ha l-istqarrija ta' Ronald Agius u Stephanie Theuma. L-Ispettur Ivan Cilia kellem ukoll lil Anthony Cassar li pprezentalu rapport li juri l-kontribuzzjoni ta' Charles Aquilina li tammonta ghal madwar €260,000 filwaqt li Ronald Agius ma hareg xejn. Dan ir-rapport jispjega kif in-negozju ta' bejniethom ghamel it-telf u ghalhekk il-konkluzjoni jekk niehdu 50/50 sharing basis Charles Aquilina ghandu

jiehu mill-kumpanija madwar €150,000 filwaqt li Ronald Agius ghandu jaghti lill-kumpanija €106,000. Gie nnutat mill-pulizija li f'dan ir-rapport, fil-balance sheet, li kien hemm is-somma ta' €263,000 bhala net fixed assets u partnership investment li hija qrib hafna s-somma li hareg Charles Aquilina. Il-pulizija kellmet ukoll lil Mario Agius li ghamel zmien jiehu hsieb xi accountancy lil Ronald Agius. Kien jiehu hsieb pagamenti tan-national insurance u karti tal-VAT. Kien jaf bil-progetti ta' Ronald Agius dwar il-pizza u pprova jghin. Skont Mario Agius, Ronald Agius zgur thallas tax-xoghol li huwa kien jaghti ghaliex ma kien jaghti lil hadd fuq bazi ta' dejn. Mario Agius qal li kien jaf li Ronald Agius ma kienx hareg flus ghal dawn il-progetti u li kien hemm xi hadd minn barra li suppost iffinanzja. Ic-cekk numru 370 li hemm kopja fir-rapport tal-awditur fl-ammont ta' €660 mar isarfu Ronald Agius biex ikun jista' jhallas in-national insurance tal-kumpanija. Mario Agius qal li dwar il-progett tal-pizza kienu ghamlu xi gimghatejn fil-kumpless tal-Bamboo izda mhux zgur bieghu madwar LM50.

Il-parte civile **Charles Aquilina** xehed[2] li fl-ahhar tas-sena 2006 iltaqa' ma' habib tieghu jismu Frank u waqfu fil-hanut Mr Casa u dahlu u ltaqa' ma' Ronald Agius li kien jafu xi hmistax-il sena qabel. Tkellmu fuq dak li kienu qed jaghmlu. Ronald Agius staqsih kienx interessat jidhol fl-importazzjoni tal-birra u dak il-hin qallu li kien imhabbat. Xi xahar u nofs wara, fi Frar 2007, Charles Aquilina rega' kien qieghed Malta billi huwa jghix barra minn Malta. Kien fil-karozza mat-tifel ghaddejjin minn San Gwann u kif waslu hdejn Mr Casa waqfu jkellmu lil Ronald Agius. Dan rega' qabadlu d-diskors fuq l-importazzjoni tal-birra u billi ra li t-tifel ta' Charles Aquilina kellu zarbun bir-rollers qallu li kien interessat fl-importazzjoni taghhom ukoll billi ma kienux ghadhom waslu f'Malta. Charles Aquilina xehed li Ronald Agius ikkonvincih biex jiehu sehem f'business venture. Semmilu wkoll xi pizza in a cone. Ix-xhud qallu li huwa ma tantx qisu kien interessat ghaliex ma kellux hin. Ronald Agius qallu li ma kellux ghalfejn jinkwieta u jhalli kollox f'idejh. Il-parte civile qallu li jekk kien qed ighidlu hekk, kien lest li jtih il-flus u jahdem u l-importanti li jzommu aggornat f'kollox, profit and loss account, input/ouput. Tah simcard ta' telephone Ingliz biex jekk huwa jkun imsiefer, Ronald Agius ikun

[2] Seduta tat-18 ta' Jannar 2010

jista' jcempillu. Xi gimghatejn/3 gimghat wara hadlu laptop ukoll biex filkaz jikkomunika mieghu b'email. F'din il-business venture kien hemm ukoll il-birra. Il-ftehim kien li johorgu nofs bin-nofs u jaqsmu l-qliegh ukoll fl-istess persentagg.

Is-sur Aquilina kompla jispjega li fl-20 ta' Frar 2007 baghat l-ammont ta' €23,994 fuq invoice biex tinxtara l-birra. Din is-somma kienet sehmu. Fl-istess gurnata baghtlu €11,000 ohra ghall-birra wkoll. Milli jiftakar l-ewwel ammont kienu ghall-istokk mentri l-ammont l-iehor ghal spejjez ohra bhal dwana u dazju. Il-hlas sar permezz ta' bank transfer fil-kont tal-kumpanija GL Trading Limited. Fis-26 ta' Frar 2007 is-sur Agius baghtlu rikjesta ohra[3] ta' €36,419. Kienu ftehmu fuq ir-roller shoes. Charles Aquilina halla kollox f'idejn Ronald Agius li min-naha tieghu baghtlu invoice[4] u bhala sehemu hallas l-ammont ta' €19,600. Imbaghad Ronald Agius cempillu u qallu li ladarba t-tnejn kellhom it-tfal u Charles Aquilina kien diga' baghtlu dawk l-ammonti ta' flus kien ikun aktar opportun li jaghmlu bicca karta. Charles Aquilina qallu naghmlu karta kemm trid imma t-tnejn kienu jafu bil-flus izda ma kellux oggezzjoni. Fi zmien jum ircieva partnership agreement f'forma ta' draft minghand Dr Pio Valletta. Ra li l-ftehim kien ma' GL Trading, ra xi klawzoli li m'ghogbuhx u ma ffirma xejn. Nizel Malta u mar l-ufficcju fil-Mosta u saret laqgha bejnu, l-imputat u Dr Valletta u qal lill-avukat li kien hemm xi affarijiet li ma kienux sew. Fid-19 ta' Marzu, Ronald Agius baghtlu email biex jibdew f'tal-pizza. Fil-frattemp il-birra suppost waslet u hekk. Ir-roller shoes kien hemm health and safety issues fuqhom u qal lill-imputat biex ma jgibhomx ghaliex kienu qed iweggghu t-tfal. Ronald Agius qallu biex ma jinkwetax u qallu li l-flus jitfghuhom biex igibu aktar birra jew jimpurtaw xi sapun bihom. Ix-xhud halla f'idejh u qal li sa dak il-hin kien ra biss karta ta' x'kien hareg huwa u x'hareg Ronald Agius. Huwa qal li meta ftehmu fuq ir-roller shoes kien hemm anki s-sinjura Theuma fl-ufficcju.

Huwa kompla li fit-3 ta' Marzu, Agius baghtlu statement b'email[5] u Charles Aquilina staqsih kif f'dak id-dokument kien hemm biss expenditure u xejn dwar qliegh u Ronald Agius qallu li kienet se

[3] Dok RA2 a fol 91
[4] Dok RA 3 a fol 92
[5] Dok CA 5 u CA 6 a fol 95

tibghatlu wahda ahjar. Fid-19 ta' Marzu, Charles Aquilina rega' baghat €17,000 li kienu pagament ghall-franchise tal-pizza cone u fl-istatement kien tnizzel nofs il-kera tal-ufficcju. Aquilina qallu li huwa ma kellux x'jaqsam mal-ufficcju ghaliex huwa kellu diversi immobbli. Ghall-affarijiet li kienu qed jiftehmu ma kellhomx bzonn ufficji. Imbaghad Ronald Agius baghtlu email fl-20 ta' Marzu[6] fejn intbaghat it-tieni statement of balance u ma rcieva xejn aktar. F'din ma kienx hemm indikazzjoni tad-dhul. Wara li baghtlu s-€17,000 ghaddew xi 4/5 gimghat biex Agius prezentah b'invoice tax-xoghol li ried jidhol tal-pizza. Fuq il-ftehim tal-pizza kien staqsa lil Ronald Agius jekk kellux outlets u dan kien qallu li kellu kollox lest u b'hekk serrah rasu.

Fit-3 ta' Mejju, Ronald Agius baghtlu invoice ta' €152,151[7]. Ronald Agius qallu biex sehmu jhallasulu Charles Aquilina ghaliex kellu xi flus barra u Aquilina hekk ghamel. Mit-30 ta' Marzu 2007 beda jistaqsi lill-imputat ghal statement of account ta' x'kien sar mill-flus. L-imputat kien iserrahlu rasu. Darba minnhom tela' Ghawdex, kien hawn Orietta Berti u kien hemm stand bil-pizza. Darba f'Lulju 2007 mar l-ufficcju u sab lill-imputati mfixklin ghaliex kien hemm xi problema fuq kontejner tal-birra. Charles Aquilina rega' staqsih fuq l-accounts u Ronald Agius qallu li kollox kienu se jirrangaw.

Il-parte civile spjega wkoll li wara li baghat €169,151 ircieva email minghand Ronald Agius b'revised partnership agreement. Dan kien fis-7 ta' Mejju[8] u agreement iehor minghand Northfields Grp. Huwa nduna li Dr Pio Valletta kien baghat l-email lil Ronald Agius fit-2 ta' Mejju. Charles Aquilina baghat il-flus fit-3 ta' Mejju u Ronald Agius baghatlu l-em fis-7 ta' Mejju u dan gieghlu jissuspetta. B'hekk wera dawn l-agreements lil Financial Advisor tieghu fl-Ingilterra u dan qallu li ma kellux jiffirmahom ghaliex kien se jarmi flusu u ma jkollu kontroll ta' xejn.

Fid-29 ta' Awwissu bintu z-zghira kienet wegghet u wara l-operazzjoni taghha ddecieda li jinzel Malta biex jirranga s-sitwazzjoni. Huwa talab l-accounts ghaliex ghalkemm kienu ghaddew sitt xhur kien ghadu ma ra xejn. Kien imur fl-ufficcju, imorru jieklu izda accounts qatt ma dehru. Imbaghad meta kien se jmur lura, u rega'

[6] Dok CA 12 a fol 111 tal-process
[7] Dok CA 7 a fol 97 b'email datata 1/05/2007
[8] Dok CA 8

talbu l-accounts u f'xis-siegha marru l-ufficcju Ronald Agius hareg bicca karta miktuba bl-idejn u qallu li ammont ta' flus kienu ghaz-zraben u ohrajn ghall-birra u hadu ammont min-naha biex uzawh ghall-pizza. Charles Aquilina ma hax gost u qallu li dak kellhom ikunu tlett kontijiet separati. Ronald Agius qallu li ma' Stephanie Theuma kienu se jirrangaw kollox. Is-sur Aquilina siefer u kif wasal l-Ingilterra cempel lil Ronald Agius u qallu li ma riedx ikompli, li ried flusu lura u qallu biex izomm kollox huwa. Fit-12 ta' Settembru Ronald Agius baghtlu email[9]. Ronald Agius qallu li kellu jiehu xi flus minghand l-Avukat Patrick Spiteri u ghaddiet is-sena 2007, bdiet is-sena 2008 u Ronald Agius beda jibghatlu l-emails biex izommu aggornat kif kien se jgib il-flus[10]. Kif dahlet is-sena 2008, Ronald Agius beda jaghmel l-investigazzjonijiet tieghu biex jara x'sar minn flusu ghaliex qatt ma ra xejn. Sab lil certu John Bugeja u staqsih kellux x'jaqsam ma' Ronald Agius fuq xi birra. Dan wiegeb iva u staqsih x'kien sar mill-flus u dan wiegbu li kien hallsu u Charles Aquilina qallu li dawk flusu kienu u dan Bugeja quddiemu cempel lil Ronald Agius. Xi jumejn wara, Charles Aquilina qal li cempel lill-imputat u staqsih kif kienu se jibqghu bil-flus. Ghall-ewwel darba Ronald Agius qallu li dan negozju kien. Agius baghtlu emails ohra[11]. Sadanittant wara l-mewt ta' missieru, kellu xi problemi relatati ma' wirt u Ronald Agius issuggerilu lil Dr Pio Valletta. F'punt minnhom imbaghad mar ghand Dr Mark Bencini biex jistaqsih parir fuq il-flus u wara li qara d-draft partnership agreement m'ghogbux. Saru ricerki fuq GL Trading u rrizulta li Stephanie Theuma kienet id-direttur u li l-kumpanija ma kellhiex assi. Bic-civil ghalhekk ma setax imexxi. L-avukati bdew jitkellmu u kienu qeghdin jaslu ghal xi tip ta' ftehim. Qal li Ronald Agius accetta li kellu jaghtih. Kien gej u sejjer Malta u ma setax jibqa' aktar hekk. Imbaghad iltaqa' ma' habib tieghu certu Charles Mangion u ghamillu prokura favurih biex jehodlu hsieb l-affarijiet tieghu f'Malta. Wasal Jannar 2009 u kull darba jgeddu. Charles Mangion laqqghu ma' Dr Herrera u tah parir li jsir rapport lill-pulizija u saret il-kwerela. L-invoices ma jindikawx minn fejn inxtraw l-affarijiet. Ghar-rigward tat-trasferimenti li saru minn GL Trading lill-kumpanija Carlin Ltd ma jaf b'xejn u ma jafx x'inhi. Ircieva wkoll xi dokumenti

[9] Dok CA 9 a fol 106 tal-process
[10]Dok CA 10
[11] Dok CA 11, 14, 16 a fol 117 tal-process

biex tigi likwidata l-kumpanija GL Trading[12] li[13] ha hsiebha Dr Herrera. Huwa ma ha xejn lura minn flusu.

F'seduta ohra[14], is-sur Aquilina pprezenta r-ricerki li twettqu fuq GL Trading Ltd u fuq Stephanie Theuma[15] liema ricerki saru wara li nqalghet il-kwistjoni tal-flus. Huwa qal li kien hemm offerti u l-ahhar wahda kienet li Ronald Agius ihallas €257,000[16] u hemm skeda ta' pagament. Gie inkluz appartament Ghawdex li billi hemm id-dejn fuqu ma giex accettat. Id-dejn kien fuq il-kumpanija GL Trading[17].

In kontro-ezami[18], is-sur Aquilina kkonferma li jaf lil Frank Grima u huwa habib tieghu bhala club owner. Huwa cahad li in konnessjoni ma' dan il-kaz kellu diskussjonijiet ma' Frank Grima. Ilu ma jkellmu minn 1992. Ma jaf xejn fuq il-konsenji tal-pizza cones lil Plush. Ghar-rigward l-outlet ta' Wied il-Ghajn, Ronald Agius qallu li kien hemm potential outlet. Kellu diversi - Bugibba, Ghawdex, Paceville, outlets ta' Frankie Grima. Ta' Wied il-Ghajn kien diga' hanut miftuh. Huwa ma jafx min ghamel id-designs tal-hwienet. ebda designers ma fittxewh biex ihallas xi kontijiet. Lanqas il-kumpanija Spuntibreak SRL ma fittxitu biex ihallas il-franchise li nghatat lil GL Trading. Ikkonferma li Ronald Agius baghtlu d-designs. Baghthomlu biex jara kif se jkun ix-xoghol biex jara x'kien qed isir minn flusu u biex jiehu l-profitt. Huwa sostna li huma ma kienux partners. Rigward il-kwistjoni tal-franchise tal-pizza cones huwa mar biss fl-outlets ta' Wied il-Ghajn u Ghawdex. Max-xiri tal-makkinarju ma kellux x'jaqsam. Qatt ma rah b'ghajnejh. Cahad li offrewlu biex imur jarah. Il-cold stores fejn hemm il-prodotti ma jafx fejn huwa. Hu offra l-garaxxijiet tieghu biex jinzamm fih l-istock sakemm jerga' johrog li kien bi ftehim li johrog malajr ghax l-istock kien mibjugh qabel ma jasal Malta. Ronald Agius qallu li l-makkinarju kellu jithallas minn tal-outlet. Ronald Agius kien infurmah li l-ispejjez tal-franchise agreement ma' Pizza Cone kien €80,000. Ikkonferma li Ronald Agius kien jinfurmah regolarment b'dak li kien qieghed jigri. Mistoqsi jekk iltaqax ma' certu Davide minn Spuntibreak qal li ma deherlux. Ma

[12] Dok CA 19

[13] A fol 122 tal-process – kienet risposta ghall-ittra ufficjali

[14] Seduta tat-12 ta' Novembru 2010 a fol 221 tal-process

[15] Dok CA 21 u 22

[16] Dok CA 23 a fol 253 tal-process

[17] Seduta tat-23 ta' Jannar 2009

[18] Seduta tas-26 ta' Frar 2013

jiftakarx lanqas li apparti li jinfethu 5 outlets kien issuggerixxa li din il-franchise tal-pizza cone li jinfethu outlets f'Londra. Huwa cahad li pprova jaghmel marketing biex jara jekk il-franchise tal-pizza cone tahdimx Londra. Hares fuq l-internet imma ma kellux hin. Ix-xoghol kellu jsir billi Ronald Agius jirranga ma' tal-outlets li jigibilhom il-makkinarju u huma jhallsu tal-makkinarju. Jekk ma kellhomx flus, Agius qallu li hemm il-bank li seta' jselfilhom il-flus, ihallsu persentagg tal-franchise u meta jasal ix-xoghol, l-ewwel darba biss ikollhom ix-xoghol biex johorgu l-flus tieghu imma x-xoghol kien ordnat diga'. Jekk kien hemm spejjez jasal ix-xoghol ez cold storage, jithallsu u jitwassal ix-xoghol ghand tal-outlet. L-imputat naqsu billi huwa ma kien qieghed jircievi xejn. Kieku l-imputat qallu li kien hemm hafna spejjez jew li n-negozju ma kienx sejjer tajjeb kien ighidlu biex inehhi kollox. Huwa rrifjuta l-proposta ta' likwidazzjoni billi huwa ma kellux x'jaqsam ma' GL Trading u saritlu sentejn wara meta kien anki pproceda bil-kwerela. Huwa qal li qieghed jippretendi l-flus kollha li hareg u li ma kienx jaf xi spejjez saru. Huwa qal li qatt ma kien involut fit-tmexxija, fl-importazzjoni, fir-retail tal-franchise. Cahad li ltaqa' u tkellem mal-Avukat Dr Pio Valletta sabiex jaraw kif se jimplimentaw il-ftehim u cahad ukoll li intervjena biex isolvu l-problema rigward stock mal-Plush. Cahad ukoll li baghat lin-nies biex jintimidaw lill-imputati biex huwa jigbor flusu. Huwa qal li ghamel prokura lil Charles Mangion u kellu jmur u jlaqqa' l-avukati u jkun hemm ftehim. Dan innominah anke jekk huwa kellu avukat jiehu hsieb. Huma ma jaf xejn dwar theddid u swat ezercitati allegatament minn Mangion fuq l-imputati. Mistoqsi kienx mgharraf bit-theddid u s-swat ta' Mangion fil-konfront tal-imputati, l-avukat tal-imputati kien semma' li kien hemm argument.

**John Bugeja** xehed[19] li kien hemm persuna li haditu l-hanut tal-imputat f'San Gwann li beda jfittex minn fuq l-internet biex igibu prodotti flimkien u sabu l-Heineken u gabuha. L-ewwel zewg kontejners li gabu kien gab il-flus minghand l-agent lil min bieghu. Il-ftehim kien li jaqsmu nofs bin-nofs. Il-finanzi kien se jgibuhom minghand l-agenti u l-qliegh kienu se jaqsmuhom. Il-flus harighom huwa – madwar LM25,000 f'daqqa. Gab il-flus minghand min kien se jbieghhom ghax hallsuh bil-quddiem. Il-prezz ftehmu mal-imputat.

[19] Seduta tat-18 ta' Jannar 2010

Bieghu l-kontejners u l-flus hadhom l-imputat. Ix-xhud ighid li huwa ma ha xejn. Bi preciz ma kienx jaf kemm tah ghaliex ma tahomlux f'daqqa izda tah xi LM26,000 jew LM27,000. Imbaghad regghu gabu zewg kontejners ohra u wehlu x-xatt. Kontejner minnhom inhareg mid-dwana. Il-kontejners gew importati kollha f'isem ix-xhud billi huwa kellu l-licenzja biex igib il-birra minn birra. L-ahhar wiehed tellghu Piscopo (minghajr ma x-xhud kien jaf b'xejn) ghaliex l-imputat ghaddieh mid-dwana. Li biegh kontejner ghadda l-flus lill-imputat u huwa ma ha xejn, meta l-imputat la qabbad lavranti u hela d-diesel tal-vann biex iqassam il-birra. L-imputat kien semmielu l-pizza u hadu r-Rumanija biex forsi jithajjar igibu l-pizza flimkien. Il-biljett tal-ajru kien hallsu l-imputat. Huwa kkonferma l-kwerela mmarkata DOK IC5. Huwa kkorega ruhu u qal li ghandu jiehu minghand l-imputat l-ammont ta' LM1,200 u mhux LM12,000. Lill-imputata huwa ma jafhiex.

**Mario Agius** xehed[20] li kien ilu jafu lill-imputat u kien gieli ghinu fuq xi adjustments tan-national insurance. L-imputat kien qallu li kien se jiftah kumpanija biex timporta pizza cones u l-apparat u l-affarijiet ghaliha u staqsih kienx jaf xi nies interessati u ressaqlu lil 'Tal-Lajku' minn Ghawdex. Kien involut. Issetjaw post. Kienu se jikkrejaw xi haga Paceville li ma mmaturatx. Din kienet se tigi importata pizza f'forma ta' cone u tinghata franchising. Dan il-progett kien jitmexxa minn GL Trading u kienu nvoluti l-imputati. Mil-lat amministrattiv kien dejjem jahdem ma' Stephanie Theuma. Min-naha ta' Ghawdex kien sar ftehim u l-makkinarju thallas f'perjodu qasir. Is-sur Agius xehed ukoll li John Bugeja qallu li gie tradut u li kienet kwistjoni fuq birra u li ma kien ircieva ebda kumpens minghand GL Trading. Lix-xhud GL Trading gieli hallsitu ghalkemm kellu xi pendenzi. L-akbar pagament kien biex jithallsu l-national insurances. Kien involut fi tlett avvenimenti ossija ta' Orietta Berti, Valletta Waterfront u Go Paceville li ma kienx hemm qliegh ta' xejn. Qal ukoll li huwa jaf lil Charles Aquilina billi kien jarah prezenti fl-ufficini ta' GL Trading il-Mosta. Ronald Agius kien qallu li huwa kien il-partner finanzjarju tieghu ghaliex kien jiffinanzjah ghax kien isellfu l-flus biex jahdem il-progett. Ma kienx jaf izda x'arrangamenti kien hemm bejniethom. Ir-relazzjoni tieghu spiccat. L-ewwel kuncert marru tajjeb. It-tieni insomma u x-

[20] Seduta tal-1 ta' Marzu 2010

xoghol beda jorqod. L-imputat qallu li biex ikunu aktar kompetittivi setghu jifthu post f'Malta u jibdew jipproducuhom huma u billi x-xhud chef qisu thajjar izda ma mmatura xejn.

**Joseph Sammut**, accountant u awditur, ipprezenta[21] special report[22]. Huwa inghata figuri ta' partnership ossija li l-imputat kien wiehed miz-zewg partners u dawn inghataw lilu mill-istess Ronald Agius. Dawn il-figuri ma kienux audited. L-audit ma sarx u huwa ma baqax awditur tal-kumpanija. Huwa qatt ma kellem lil Charles Aquilina fuq din il-partnership.

**Patrick Pellegrini** xehed[23] li huwa direttur ta' kumpanija u ghalhekk qieghed fin-negozju. Qal li fis-Sajf ta' sentejn qabel, l-imputat kellu kontejner tal-birra Heineken u x-xhud mar ghand Frank Piscopo ta' Cash & Carry. Gie nnegozjat prezz u dan ix-xoghol inbiegh. Ix-xoghol kien tal-imputat li thallas b'cekk fuq GL Trading. Ix-xhud ha commission. Huwa qal li kemm-il darba ha xoghol relattiv ghal pizza cono. Kien ha xi xoghol flimkien ma' Stephanie Theuma. Kienu jmorru l-cold stores, ghabbew xi xoghol. Kienu wkoll armaw fil-kuncert ta' Orietta Berti biex ibieghu l-pizza. Kienu anki krew vann freezer minghand Burmarrad Commercials u tpoggew xi stickers tal-pizza. Xi jumejn wara li twahhlu l-istickers, kienu se jtellghu x-xoghol Ghawdex, ghabbew il-vann kollu u l-imputat qallu li jekk jigi mistoqsi dwar il-vann kellu jirrispondi li huwa tal-kumpanija. Huwa kompla li hanut apparti Bugibba kien hemm anki Ghawdex. Huwa m'ghadux jahdem mal-imputat jew GL Trading ghaliex kellu kwistjoni ohra fuq kumpanija ohra mhux relatata mal-kaz. Ir-relazzjoni tieghu mal-imputat hija wahda hazina.

**Dr Siegfred Borg Cole** xehed[24] li f'Jannar 2009 iltaqa' ma' Ronald Agius (li kien diga' konoxxenza tieghu) il-Belt u dan tal-ahhar qallu li kellu problema. L-imputat qallu bil-problema u qallu wkoll li Stephanie Theuma kienet qalghet xebgha fl-ufficcju ta' Dr Herrera. Hija kellha l-avukat taghha li rtira minhabba din il-vjolenza u wara li assigura li giet rilaxxjata mill-avukat l-iehor iddecieda li jghinhom[25]. Huwa mar l-ufficcju taghhom biex jara l-accounts tal-kumpanija biex

[21] Seduta tat-12 ta' April 2010
[22] Dok JS 1 a fol 215 datat 14 ta' Jannar 2009
[23] Seduta tat-12 ta' April 2010
[24] Seduta tat-12 ta' April 2010
[25] Dok BC 1 a fol 288 tal-process

jara l-kaz x'inhu. Mar l-ufficcju, iltaqa' ma' certu Yana Kutz Muscat u beda jara l-invoices/entries u x'sar minnhom. Huwa ssuggerixxa li jitqabbad awditur indipendenti u qablu u x-xhud qabbad lil Dr Anthony Cassar bil-kunsens tal-klijenti tieghu u talbu jhejji audit investigattiv. Baghat korrispondenza lil Dr Herrera u lis-sur Aquilina jinfurmahom x'kien qieghed isir u ma wiegbuh xejn. L-ahhar korrispondenza kienet li baghat ittra ufficjali fejn interpella lil Charles Aquilina ghal-likwidazzjoni tal-partnership u baghtlu l-accounts maghha. Ma rcieva ebda risposta. Charles Aquilina ma ffirma l-ebda dokumenti ghal partnership. Huwa jaqbel li kienu saru hafna nkontri bejn il-partijiet u pprezenta wkoll CD ta' telefonata li saret bejn il-prokuratur ta' Charles Aquilina u Stephanie Theuma[26].

L-espert komputista nominat mill-Qorti, is-sur **Alan Vella** ipprezenta wkoll r-rapport tieghu[27] fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2011.

L-imputat **Ronald Agius** xehed[28] li prezentement huwa pensjonant u xogholu dejjem fil-kummerc. Huwa spjega li fis-sena 2006/2007 kellu negozju San Gwann, Mr Casa, tfacca habib tieghu Frank Bonett ma' ragel iehor u qallu li dan ir-ragel, Charles Aquilina, ried jaghmel xi negozju f'Malta. Semmielu tip ta' negozju li xtaq jaghmel relatat mas-sigaretti izda l-imputat ma kienx interessat. Qallu li dak iz-zmien kien qieghed jaghmel parallel trading ta' birra, detergents u affarijiet ohra. Wara ftit zmien Charles Aquilina mar lura u qallu li kien interessat li jaghmlu xi haga flimkien bhala partners. Iddecidew li jgibu 4 kontejners birra. Fil-frattemp li kien beda jgib il-birra tfacca burdnar li kien ilu jahdem bih minn mindu mporta x-xoghol. Dan qallu li kien jaf persuna li l-birra jbieghha kollha u tfacca ma' John Bugeja. John Bugeja kellu x-xerrejja mieghu ghaliex l-imputat ma kellux licenzja li jimporta l-birra. B'hekk il-birra giet importata dirett fuq isem min kien se jixtri l-birra – Max Diner, Jumbo Cash & Carry, Faval Wines & Spirits. Dawn grossisti li kellhom hwienet u mhazen bil-licenzja. Bhala ftehim ma' Charles Aquilina, l-imputat ighid li huwa ma kienx mill-ewwel interessat izda imbaghad sar jaf aktar lil Charles Aquilina u ddecieda li jahdem bi shab. Il-kontribuzzjoni kellha tkun li johorgu nofs bin-nofs u l-imputat kellu jiehu hsieb il-bejgh.

---

[26] Dok BC 2
[27] Dok AV a fol 380 tal-process
[28] Seduta tal-21 ta' Jannar 2015 u kien xehed ukoll f'seduta precedenti

John Bugeja qallu li min kien se jixtri l-birra minghandu johrog il-flus minn qabel. Huwa kien mar ma' John Bugeja Franza biex jixtri l-birra u jinnegozjaw flimkien. Bugeja kien tella' l-flus bil-permess tal-awtorita' izda huma riedu bank transfer. Il-pagamenti tal-birra saru tramite l-BOV u ghandu kollox dokumentat. Gabu l-ewwel zewg kontejners bla problemi. Huwa ma setax imur id-Dwana biex johrog ix-xoghol billi *bill of lading* kien fuq isem min kien se jixtri l-kontejner. L-imputat spjega li huwa kien biss broker li kien jiehu l-persentagg tieghu. Il-Bank kien jithallas minnu u x-xoghol kien ighaddih lil Bugeja li kien jiffirma karta li l-imputat ma kellux x'jaqsam mad-Dwana. Waqt din is-sitwazzjoni kien inqala' incident. Kien hemm certu Mario Agius li kien jahdem mal-kumpanija u kien qieghed johrog ix-xoghol mal-Jumbo Cash & Carry. Is-sur Agius cempel lill-imputat u qallu li kien hemm problema li kien wehel xi kontejner. L-imputat mar ghand certu sur Mifsud impjegat mad-Dwana u hadlu d-dokumenti kollha tieghu, li huwa kien hallas b'bank transfer u kellu kollox in order. Wara li saru l-verifiki min-naha tad-Dwana u wara li saru varji laqghat is-sur Mifsud qallu li l-kontejner kien se jirrilisjah lilu billi jekk ma kienx se jsir hekk kien se jitlef il-flus minghajr ma kellu tort. Hallas id-Dwana in full u ghandu d-dokumenti kollha tal-izbalji li kien qed isiru u l-kontejner bieghu lil Piscopo Cash & Carry u ghandu l-ircevuta. Kien irrizulta li John Bugeja ghan-nom ta' Jumbo Cash & Carry u ghan-nom taz-zewg kumpaniji l-ohra ma kinitx thallset freight, excise u spejjez relatati. Ghalhekk b'dan il-kontejner ikkaverja l-freight ta' kontejners u l-ispejjez kollha li kien hemm. Huwa infatti esebixxa diversi dokumenti[29]. Inkwantu ghal Dok A1 sa Dok A3, kell meta jasal kontejner peress li kien jiehu 5% kien igieghel lil John Bugeja jiffirma dikjarazzjoni li ma kellux x'jaqsam mad-dwana. Huwa ma kellu l-ebda kontroll fuq id-dokument, hrug tax-xoghol. John Bugeja kien qed jassumi r-responsabilita' ta' hlasijiet ta' frieghu u excise duties, tat-taxxi kollha. Izda imbaghad irrizulta lill-imputat li mhux dejjem kien qed isir hekk. F'kaz minnhom kien hemm xi diskrepanzi u sab li l-freight ma kinitx thallset ghall-4 kontejners li jammonta ghal ammont sostanzjali u spejjez ohra. B'hekk hu biegh ir-4 kontejner lil Piscopo, gabar l-ispejjez kollha, ghamel rendikont tal-ispejjez u tah lil John Bugeja u gew pratikament pari hlief li l-imputat gie ftit minn taht.

[29] Dok A1 sa Dok A6 a fol 740 tal-process et seq

Mill-importazzjoni tal-birra, huwa ghadda ghal xi haga ohra. Iltaqa' ma' pizza in a cone li kien kuncett gdid ghal Malta. Huwa interessa ruhu u kellem lil Charles Aquilina li interessa ruhu wkoll, hallih fil-liberta' u fuq l-inizjattiva tieghu stess dahal sieheb mal-imputat. Huwa spjega li ltaqghu xi drabi ma' Dr Pio Valletta biex jaghmlu ftehim. L-imputat spjega li huwa ried agreement ghaliex ried joint account fih dan in-negozju, pero' Charles Aquilina ma riedx ghax ried ikun a silent partner. Dr Valletta ddrafjta l-ftehim izda Charles Aquilina lanqas stenna li jivverifika li jaghmel ftehim. L-imputat spjega li huwa ried ftehim bil-miktub ghaliex l-intenzjoni tieghu kienet wahda tajba. Kellu fiducja f'dak li kienu qed jaghmlu. Ried li lil Charles Aquilina ikollu mohhu mistrieh. Kien Charles Aquilina li naqas li jiffirma l-ftehim. Saret korrezzjoni ta' dak li ma xtaqx li jkun hemm fih Charles Aquilina fil-presenza tal-avukat qabel ma' telaq u kien finali meta l-Av Valletta baghtu[30]. Anzi abbazi tal-istess ftehim, l-imputat isostni li Charles Aquilina baghat it-transfers mill-bank li kien se jkopri l-bidu tal-ewwel xiri tal-makkinarju u stock inizjali. L-imputat qallu li lanqas biss ra u ffirma l-ftehim izda Charles Aquilina ried li ma jinheliz zmien. Il-hsieb tal-imputat kien li bil-mezzi tieghu jinfetah hanut wiehed, izda Charles Aquilina ried aktar u qallu biex jaghmlu sub-franchise. L-imputat qallu li ma kellux mezzi finanzjarji izda Charles Aquilina qallu li kien se johroghom huwa u jdahhalhom bil-mod bil-qliegh. Ghalhekk qallu biex jidhlu partners.

L-imputat spjega li huwa, Stephanie Theuma u l-impjegati hadmu kuljum hinijiet twal sakemm saret il-promotion material. Ix-xoghol inizjali kien set-up ta' reklamar, ta' designs. L-ewwel promotion saret meta kienet ghamlet kuncert Orietta Berti. Kienu ramaw il-Kiosk li ngab mill-Italja. Imbaghad beda jdur il-hwienet biex ifittex. Kien hemm laqgha li saret fil-presenza ta' Charles Aquilina ma' John Buttigieg l-airport, anki d-disinji kienu lesti izda imbaghad l-ajruport kien se jsir xi tibdil u twaqqaf kollox. Kellhom Wied il-Ghajn, Bugibba, Paceville, Ghawdex. Charles Aquilina kien prezenti ghal diversi laqghat. Huwa kompla li meta kienu sejrin tajjeb bdew l-attakki mis-suq u xi agenti bdew jimportaw pizez li fil-prezz kienu aktar konvenjenti. Charles Aquilina qallu li ried johrog u dan meta kienu lanqas ilhom 6 xhur bl-ewwel zewg hwienet. Charles Aquilina qallu li

[30] Dok A8 u A9 – zewg agreements prospettivi tal-partnership li kienu saru mill-Avukat

t-tip ta' negozju li kien ihobb kien *hit and run* – johrog il-flus u jaqla' mill-ewwel.

L-imputat esebixxa diversi dokumenti konsistenti f'pizza hands menu li sar ghall-hwienet[31]; brochure mill-Mother company Spuntibreak[32]; design li ghamlu ta' pizza hands [33] u design tan-negozju ta' Ghawdex[34]. L-imputat ipprezenta wkoll ritratti tal-makkinarju li ghadhom ippakkjati fil-garaxx, tnejn minnhom jaqbzu €30,000. Il-makkinarju kien inxtara biex jinfethu hames hwienet. Dan ingieb minghand suppliers u l-parent company Spuntibreak. Il-hwienet ta' Ghawdex u San Pawl il-Bahar infethu. Fethu wkoll Paceville fil-kumpless ta' Frankie Grima. Charles Aquilina hadu Wied il-Ghajn izda l-hanut ma laqghatx lill-imputat izda bdew jitkellmu ma' ta' hdejh. L-airport thassar kollox u anki ta' Wied il-Ghajn ma waslux. It-tnejn l-ohra ma bdewx jahdmu bis-serjeta' u bdew l-attakki mis-suq izda flok Charles Aquilina tah cans qallu li ma riedx ikompli. Meta Charles Aquilina qallu hekk, l-imputat beda jipprova jbiegh lil Neriku u eventwalment wasal fi ftehim ma' Paolo Bonnici li beda jbieghilhom. Meta l-imputat ra li kien hemm cans ta' bejgh tal-cones ghaliex bdew jinbieghu il-pakketti, l-imputat ha mahzen fil-Mosta, ramah u beda jippakkja huwa u jbieghu fil-hwienet u beda sejjer tajjeb izda fis-suq kien hemm min kien akbar minnu u beda jwaqqa' l-prezzijiet. L-imputat ighid ukoll li huwa beda jipprova jbiegh il-kuncett ta' pizza in a cone lil Neriku. Charles Aquilina ma riedx jaghtih cans. Filli bdew jiddiskutu u jiddiskutu, iltaqghu darba fl-ufficcju ta' Dr Valletta, beda jara pressure qawwi. L-imputat ma bediex juri lill-familtu b'din il-pressjoni. Imbaghad Charles Aquilina qabdilhom in-nies warajhom li spiccat b'incident ikrah fl-ufficcju ta' Dr Herrera fejn wegghu lill-avukat ta' martu u lill-martu li ghadha ssofri r-riperkussjonijiet sallum. Huma kienu jiltaqghu ghand l-Avukat Valletta biex isibu arrangement. Charles Aquilina kien hareg il-flus, l-imputat hareg ix-xoghol. Charles Aquilina kien qed jippretendi l-flus kollha lura. L-imputat qallu li fl-ewwel lok kien hemm il-makkinarju. Darba kien il-Hadd filghodu u kellu habib tieghu qassis ghandu u Charles Aquilina cempillu u beda joffendih.

31 Dok RA 1
32 Dok RA 2
33 Dok RA3
34 Dok RA 9

L-imputat qallu li la kien se jimxi hekk kien se jimxi kif qallu l-awditur u jillikwidaw. Charles Aquilina allegatament beda jkellmu hazin u jheddu li se jifqaghlu snienu. Imbagahd ghadda ftit taz-zmien u darba minnhom Charles Aquilina wasal mill-Ingilterra u fejn is-soltu kien jinformah li kien se jigi Malta din id-darba ma qallux u meta mar ikellem lill-imputat tfacca certu Charlie Mangion li allegatament beda jhedded lill-imputat u Charles Aquilina qallu li dan Mangion kien se jkun huwa li se jkun prokuratur tieghu. Kellhom laqgha ghand Dr Herrera, Charles Mangion u ibnu allegatament faqghu il-bieb b'daqqa ta' sieq, taw daqqa ta' ponn lil Dr R. Farrugia, lill-imputat tawh daqqa u sturdewh u qattghulu l-hwejjeg, lil martu tawha daqqa ta' ponn u ghadha sallum bil-kura tat-tabib ghaliex idejha l-leminija spiccat lanqas tista' iccaqlaqha u jehtiegilha operazzjoni fin-nerv. L-imputat mar jaghmel rapport lill-pulizija izda ma riedx jipprocedi biex l-affarijiet ma jikbrux. Imbaghad bdew imorrulhom wara l-bieb u sahansitra darba kellu jaghtih cekk ghax ma riedx jiccaqlaq minn wara l-bieb[35].Tah dawn il-flus ghaliex ma felahx aktar. L-imputat irrakkonta diversi episodji fejn allegtament gie segwit minn Charles Mangion u heddu. Ma ftehmux ghaliex l-ewwel kien hemm mod kif kien se jhallas imbaghad Charles Aquilina riedhom kollha. L-imputat qal li huwa dejjem beda jinnegozja anki kontra l-parir tal-avukat. L-avukat dejjem tah il-parir li dak li kien hemm bejniethom kien negozju u li ried jigi likwidat izda huwa kien qieghed jibza'. Imbaghad wara li gara u Stephanie Theuma taf bit-theddid segwa l-parir tal-avukat. Charles Aquilina ma fetahx kawzi civili kontrih izda biss il-proceduri odjerni. Mistoqsi dwar il-proposti li saru, l-imputat spjega li Dr Pio Valletta u Dr R. Farrugia ghal Stephanie Theuma bdew jiddiskutu ma' Charles Aquilina. Meta dahal Dr Borg Cole issuggerixxa li jkun hemm an investigative audit.

In kontro-ezami l-imputat wiegeb li lil Charles Mangion kien jafu minn qabel u darba inkarigah biex imur ikellem lil xi hadd li kellu jiehu minghandu izda kif dan l-individwu cempel lill-imputat u qallu li kien aggressive mieghu waqqfu mill-ewwel. Mistoqsi jekk kienux ghamlu xi forma ta' business plan, l-imputat qal li tkellmu hafna drabi bejniethom. Kienu mexjin in sequence. GL Trading ghandha zewg shareholders, dak iz-zmien Stephanie Theuma u llum huwa.

[35] Dok RA 8 a fol 647 tal-process

Huwa qal li pprova jixtri sehem Charles Aquilina. Ma setax jirrifondi l-flus kollha ghaliex Charles Aquilina ma kienx sellfu l-flus. Huwa kien sieheb mieghu. Huwa kien ikellem in-nies mieghu, jiddiskutu, kienu jikkomunikaw kuljum bit-telefown. Mistoqsi ladarba kien se jixtri sehem Charles Aquilina, kif ghamel biex jivvaluta sehem Charles Aquilina. L-imputat qal li ma ppruvax. Huwa ma riedx inkwiet u beda jahseb li l-progett seta' jimxi u jmur 'il quddiem. Stephanie Theuma kienet involuta fil-promotions u tghinu imma fin-negozjati ma' Charles Aquilina qatt ma kienet involuta. Hi direttur ta' GL Trading izda fit-tmexxija tan-negozju ta' GL Trading kienet involuta. Kienet anki tohrog invoices u ccempel lin-nies biex tigbor il-flus. Mistoqsi l-flus tan-negozju inkwistjoni li kien mir-revenue of sales intuzax biss ghax-xoghol li ghandu x'jaqsam man-negozji jew intuzax ghal xi affarijiet ohra, l-imputat wiegeb li kull sold li ntefaq gew prezentati ricevuti. Kwalunkwe sold li ntefaq, intefaq b'relazzjoni man-negozju kif ukoll flus li hareg huwa personalment. Huwa ma jafx kemm hareg flusu minn butu imma mill-audit jirrizulta. Qed jirreferi ghal commissions li dahlu minn barra. Skond l-avukat ta' Charles Aquilina hemm diskrepanza bejn l-accounts ta' Sammut u Cassar. S&GA hija kumpanija ohra li ma kellhiex x'taqsam man-negozju li kellu ma' Charles Aquilina. Hija kumpanija tal-impuati li ghamlet sena u nofs thallas id-dejn tal-affarijiet tal-partnership billi GL Trading kienet wieqfa. L-imputat qal li kellu jzid/jestendi l-overdraft facility ta' GL Trading Ltd minhabba l-pizza hands. Il-bank kellu bhala garanzija l-appartament ta' Ghawdex proprjeta' tal-imputata. L-overraft facility jirrisali ghas-sena 2006 izda f'xi mumenti ziedu hafna bin-negozju izda imbaghad nizel ukoll. Apparti l-pizza cone kienu jbieghu wkoll gelati, kejkijiet u pre-cooked pasta li kienu jixtruhom mill-kumpanija tal-pizza cono. Kellhom il-magna li ssajjar il-frozen pasta. Kienu xtraw ukoll zlazi, gravy, pizza tonda wkoll. Ippruvaw jiehdu t-tieni kumpanija li kienet cone in li haduha biex tinbiegh lil Paolo Bonnici. Kien sar ftehim mieghu. Lil Paolo Bonnici l-ewwel beda bil-packing li kien hemm fil-warehouse tal-Mosta. Kien itih biex ibiegh u wara li ha l-cone in beda jghatih il-cone in. Lil Neriku pprova jbeghlu l-kuncett kollu. Ikkonferma li kienu saru pagamenti biex jinxtraw uniformijiet, makkinarju, tabellar, logo, get-up tan-negozju ghall-hanut ta' Ghawdex[36]. Il-vettura biex

[36] Dok AA14

jitqassam ix-xoghol kienet mikrija minghand Burmarrad Commercials. Huwa ried jixtrih il-vann izda Charles Aquilina qallu biex jikruh.

Ghar-rigward tal-birer, il-qliegh kien 5%. L-imputat qal li huwa ma kienx jigbor flus. John Bugeja gabar ta' 3 kontejners u l-imputat ma dahhal xejn. Zamm l-ahhar wiehed u hallas id-djun kollha. Lanqas il-5% ma baqghalu. Kawza civili kontra John Bugeja m'ghamilx. Mistqosi allura ghalfejn fi skambju ta' email lil Charles Aquilina kien qallu li ghamel qliegh u dahlu l-flus, qal ghaliex dak iz-zmien kien fadallu l-ahhar kontejner. Meta gie biex ibieghu haseb li kien se jifdallu izda nduna li kien hemm diversi nies bhala forwarding agents li riedu jithallsu ghal 4 konsenji, biegh bil-prezz li tah Piscopo.

**Stephanie Theuma** xehdet[37] li hija s-siehba tal-imputat u ghandhom tifel. Spjegat li GL Trading twaqqfet fis-sena 2005, kienet fuq isimha u nfetah hanut San Gwann, Mr Casa li kien ibiegh household goods. Billi fis-sena 2006 raw li qishom kienu f'kompetizzjoni ma' iben l-imputat li kien tah il-hanut huwa stess anke jekk kienu jixtru minghandu ddecidew li jaghmlu xi haga differenti. Fis-sena 2006 iddecidew li jaghlqu l-hanut u jibdew jaraw kif se jgibu l-pizza hands. Iltaqghet ma' Charles Aquilina l-ewwel darba f'Dicembru 2006. Huwa dahal fil-hanut li kien fi stadju ta' closing down. Imbaghad regghet ratu f'Marzu/April 2007. Fil-perjodu bejn Dicembru 2006 u Marzu/April 2007 hija kienet qed tippakkja l-istock tal-hanut u kienu se jmorru f'ufficcju f'San Gwann.

Hija kompliet li l-pizza hands bdiet meta marru fl-ufficcju tal-Mosta. Bdew jaraw ghal riklamar, kif se jgibu l-pizza hands, fejn se jpoggu l-istock ghaliex hafna minnu kien iffrizat. Riedu jaraw bhala outlets. Fl-offerta finanzjarja hija ma dahlitx ghaliex hija ma kinitx full time minhabba li t-tifel kien ghadu zghir, tant li hija kienet iffirmat prokura fuq l-imputat[38]. Fl-ufficcju l-gdid xogholha kien aktar klerikali ghaliex kienet tiehu hsieb pagi, national insurance, vat u taghlaq il-kotba tal-hanut. Ix-xoghol relatat ma' pizza hands kienet taf x'qed isir ghax kienet tkun fl-ufficcju izda hija ma kinitx involuta. Gieli ghenet ukoll f'xi okkazzjonijiet jew hwienet. Hija pprezentat

[37] Seduta tal-4 ta' Marzu 2015
[38] Dok ST

ritratt[39] fejn jidher Charles Aquilina quddiem l-outlet ta' Ghawdex. Hija qalet li Charles Aquilina sar habib taghhom billi kien ikun l-ufficcju tal-Mosta regolarment. Hija kienet tahdem mid-9a.m sas-1p.m Tghid li kien inxtara makkinarju li jinsab fil-garaxx taghhom u ghadu hemm sallum. Hemm zlazi, gelati, fridges. Hija taf li nfethu zewg outlets tal-pizza hands u infetah iehor f'Paceville. Dwar l-involviment ta' Chrales Aquilina fin-negozju hija fehmet li kien partner ma' l-imputat l-iehor. Wara li rcevew l-ittra ufficjali[40] minn Charles Aquilina ippruvaw anki permezz tal-avukat taghhom li jirrangaw l-affarijiet. Hija xehdet dwar dak li gara ghand Dr Herrera. Tghid li dakinhar marru biex jiddiskutu *a repayment programme*. Kienu qeghdin jaraw x'hareg Charles Aquilina u x'hargu huma.

In kontro-ezami hija qalet li  dwar S&GA International Ltd hija kumpanija li hija kienet direttur taghha u ma baqghetx. Qalet ukoll li x-xoghol li kienu jbieghu gieli tefghuh fuq GL Trading.

**Dr Pio Valletta** xehed li f'Marzu 2007, Ronald Agius qabdu jiddraftjalu kuntratti ta' distribuzzjoni, koncessjoni ta' licenzja fuq prodott partikolari ma' kumpanija SpuntiBreak. Kien anki gie rapprezentant ta' din id-ditta f'Malta u kien iltaqa' mieghu biex jiffinalizzaw il-ftehim. L-imputat Ronald Agius introducieh ma' Charles Aquilina l-ufficcju l-Mosta u qallu li dan kien interessat li jinvolvi  ruhu f'dan il-progett li jinvolvi d-distribuzzjoni ta' din id-ditta partikolari. L-ewwel darba tkellmu biss. Sussegwentement fl-istess perjodu, Marzu 2007 rega' ltaqa' ma' Charles Aquilina fl-ufficcju l-Mosta u huwa kien talbu assistenza legali fuq materji personali. Ix-xhud qal li huwa kien imur ta' sikwit fl-ufficcju ta' Ronald Agius u kien jara lil Charles Aquilina b'mod regolari. Eventwalment kien gie indikat lix-xhud li Charles Aquilina kien interessat. Kienu qaghdu bilqeghda t-tlieta flimien biex jigi formolat speci ta' partnership agreement. Ha n-notamenti, qalulu x'tip ta' arrangement kienu jixtiequ. Kienet se tinholoq partnership bejn Ronald Agius u Charles Aquilina biex jimmanigjaw il-licenzja, franchise, trademarks, intellectual property u jkun hemm agreement bejn il-partnership u GL Trading. Beda jiddraftja u baghat lil Ronald

[39] Dok ST1
[40] Dok ST 3

Agius d-draft contracts. Agius qal lix-xhud li kien ghaddihom lil Charles Aquilina. Sakemm dan il-kuntratt kien qed jigi abbozzat, ix-xhud baqa' jmur fl-ufficcju tal-Mosta. Kien ikun hemm l-imputati, segretarja taghhom u xi nies li kienu jikkollaboraw maghhom. Charles Aquilina kien ikun regolarment l-ufficcju meta kien ikun Malta. Dan l-agreement li hejja ma giex iffirmat. Fil-bidu ta' Mejju 2007 kellu laqgha ma' Charles Aquilina u Ronald Agius u ddiskutew il-ftehim. It-tnejn ghamlu xi modifiki li kienu opportuni. Wara li saru l-modifiki x-xhud baghat email lil Charles Aquilina fis-7 ta' Mejju 2007 fejn qallu li b'referenza ghal-laqgha li kellhom kien qed jibghatlu *draft revised version* tal-partnership agreement u tal-agreement bejn GL Trading u l-partnership. Skont il-ftehim li kellhom Charles Aquilina kien *a fully-fledged partner in the partnership*, ossija li jikkontribwixxi lejn il-kapital jew il-gestjoni u li jippartecipa fil-profitti li jista' jkollha l-kumpanija. Dr Valletta baqa' jattendi l-ufficcju u gieli sema' lil Ronald Agius u Charles Aquilina jiddiskutu business iehor li ma kienx involut fih per ezempju importazzjoni ta' birra u ta' xi oggetti ohra.

Eventwalment Ronald Agius qallu li Charles Aquilina kien qed jitolbu l-flus li kien ikkontribwixxa lejn dan l-arrangament. Ix-xhud staqsa lil Charles Aquilina x'kienet il-kwistjoni u dan wiegbu li huwa ma kienx imdorri li jkollu dak it-tip ta' partnerships fejn jistenna ghal zmien twil ir-ritorn mill-investiment li jkun ghamel. Huwa kien interessat fi *quick turnover business*. Ghalhekk ried johrog mill-business. Ir-relazzjoni iddegenerat u ghalhekk Charles Aquilina qabbad avukat iehor u sahansitra lil certu Mr Mangion biex jehodlu hsieb l-affarijiet tieghu. Il-laqghat, hlief ghal wahda, kienu qed isiru ma' Mangion.

Mistoqsi dwar x'kien in-nuqqas ta' ftehim tal-partijiet, Dr Valletta spjega li meta Ronald Agius tfacca b'din il-kwistjoni x-xhud spjegalu li ghalkemm il-partnership agreement ma kienx iffirmat pero' l-assocjazzjoni tan-negozju tista' ssir anki verbali u ghalhekk qallu li l-kontribuzzjoni li kien ghamel kienet kontribuzzjoni lejn l-assocjazzjoni ta' negozju u biex jiehu dak lura l-ewwel riedet issir likwidazzjoni. Dik hija l-posizzjoni legali li kienu qeghdin jiehdu f'dak l-istadju. B'likwidazzjoni jfisser li trid tara x'kienu l-assi li fadal, jinbieghu dawk l-assi u skont l-introjtu jinqasam bir-rata skont il-

kontribuzzjoni ta' kull wiehed minnhom. Il-posizzjoni ta' Charles Aquilina kienet li jithallas l-ammont li huwa effettivament investa u kien konsistenti f'din il-posizzjoni. Ronald Agius imbaghad infurmah li kien hemm Charles Mangion li kien qed jaghmillu hajtu difficli u ghalhekk l-imputat ried li tinsab soluzzjoni barra mill-Qorti. Saret laqgha ghand Dr Herrera u f'din il-laqgha giet uzata vjolenza minn iben is-sur Mangion.

In kontro-ezami, Dr Valletta ikkonferma li f'punt minnhom kien gie offrut li jkollu partecipazzjoni fil-partnership izda din ma mmaterjalizzatx ruhha billi l-partnership agreement ma giex formalizzat. L-obbligi kienu li kemm Charles Aquilina u anki Ronald Agius johorgu kapital. Pero' Ronald Agius kellu wkoll ikun aktar attwalment involut fil-management, day-to-day running, backoffice administration. Inkwantu ghall-kapital ma kienux iddiskutew l-apportionment tal-flus kif se jkunu. Il-qliegh jew it-telf kellu jinqasam nofs bin-nofs. Ronald Agius kien infurmah ukoll li kien hemm kumpanija Spanjola li kellha l-istess prodott bhala Spuntibreak. Dr Valletta qallu li ma setax ipoggiha fuq l-istess kumpanija GL Trading ghax dawn kienu kompetituri. Huwa ma jafx jekk Ronald Agius u Charles Aquilina tkellmux ukoll fuq din il-kumpanija Spanjola.

**Francis Grima** xehed [41] li huwa ghandu diversi stabilimenti f'Paceville. Huwa qal li kien gie avvicinat minn Ronald Agius u kien ma' xi haddiehor biex jiehdu parti mill-post tieghu biex jaghmlu venture ta' xi pizza cone. Tkellmu diversi drabi u dehrlu li Ronald Agius u l-persuna l-ohra kienu partners. Stephanie Theuma ma kinitx involute. Il-venture bdiet u ma rnexxietx. Huwa kien tahom xi rifuzjoni ghaliex kienu tilfu l-flus. Parti mill-istock kien intuza ghal Plush. Il-persuna li kienet takkumpanja lil Ronald Agius ma ftakarx ismu izda ftakar li kien a well-built man. L-indikazzjoni mir-ritratt Dok FG3 huwa l-persuna bin-nuccali u libes griz bil-faxx orangju. In kontro-ezami[42] qal li bhala rifuzjoni forsi tahom mitejn lira Maltin. Ronald Agius u Charles Aquilina marru biex jaghtihom spazju mill-hanut ghall-pizza. In-negozjati bdew jitmexxew flimkien. Kellmuh ghal Bamboo. Huwa kien cert mija fil-mija li tkellem mat-tnejn li huma. Huwa jaf lil Charles Aquilina Londra. Maghhom kienu ftehmu

[41] Seduta tat-23 ta' Frar 2016
[42] Seduta tat-23 ta' Mejju 2016

fuq xi persentagg fuq il-bejgh. Eventwalment f'seduta sussegwenti[43] x-xhud spjega li hames minuti wara li hareg mill-Awla fit-23 ta' Mejju 2016 cempel liz-zewgt avukati bill induna li kien ghamel zball ghaliex tfixkel. Ma deherlux li Charles Aquilina kien mal-imputat fuq id-diskussjoni tal-kuncett tal-pizza u qal li qatt ma ltaqa' maghhom flimkien in konnessjoni mal-pizza. Huwa cert li bhala stat ta' fatt kien hemm negozju bejn Plush Entertainment Ltd in konnessjoni mal-kuncett ta' pizza hands bejnu u Ronald Agius. Iccekkja mal-invoices u kien hemm xi ikel iffrizat u Agius tah xi skont fuqhom.

**John Buttigieg** xehed[44] li madwar seba'/tmien snin qabel kellu cafeteria Papillon f'Hal Balzan. Mar Ronald Agius li ghamillu proposta dwar business li kellu bl-isem Pizza Cone. Kien iltaqa' mieghu l-ajruport. Kien hemm haddiehor ma' Agius. Kienu se jaghmlu xi haga fl-arrivals. Ma jafx min kienet il-persuna l-ohra ma' Agius. Biss jahseb li kienu partners. Kienu bdew imma ma kienx irnexxa u l-cafeteria kellha timxi ghax l-ajruport rieduhom jitilqu. Stephanie Theuma ma kinitx involuta. Il-persuna li akkumpanja lil Ronald Agius kien attiv fid-diskussjoni. Ix-xhud ma harigx flus. In kontro-ezami huwa qal li ma deherlux li qatt iltaqa' ma' Charles Aquilina li gie indikat lilu fl-Awla.

Ikkunsidrat

Illi fl-ewwel lok jehtieg li jigi kkunsidrat dak li ssollevat id-difiza b'referenza ghall-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputati billi meta rrilaxxjahom ma kienux assistiti minn avukat.

Din il-Qorti se taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Camilleri**[45] u ghall-insenjamenti hemm riportati. Abbazi tal-istess l-istqarrijiet tal-imputati qeghdin jigu dikjarati inammissibbli.

Ikkunsidrat

[43] Seduta tal-14 ta' Dicembru 2016
[44] Seduta tat-23 ta' Frar 2016
[45] Qorti tal-Appell Kriminali deciz fil-25 ta' Frar 2016

Mill-provi fuq riportati jirrizulta inkontestat li:

- Il-parte civile Charles Aquilina ghadda l-ammont ta' €260,125 lill-imputat u dan f'diversi okkazjonijiet[46].

- M'hemmx kontestazzjoni min-naha tad-difiza dwar il-quantum u b'liema mod gew ricevuti. Jigi rilevat ukoll li m'hemmx lanqas kontestazzjoni min-naha tad-difiza li l-parte civile ghandu jithallas parti mill-flus li huwa hareg minn butu. M'hemmx qbil izda dwar dak pretiz mill-parte civile ossija li jithallas lura l-ammont kollu li huwa trasferixxa fis-sena 2007.

**L-imputazzjoni ta' Mizapproprjazzjoni**

Illi l-approprjazzjoni indebita hija ikkontemplata fl-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali. Illi ghalkemm l-artikolu 293 jispecifika illi sabiex tirnexxi dina l-azzjoni kriminali jenhtieg il-kwerela tal-parti offiza, madanakollu l-artikolu 294 jiddisponi illi l-azzjoni titmexxa *ex officio* mill-pulizija meta l-oggett jigi fdat jew ikkunsinnjat lil hati minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tal-persuna akkuzata.

Skond gurisprudenza kostanti u anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan r-reat ta' approprjazzjoni indebita huma dawn li gejjin:

1. Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita, li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lil agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula con l'animo di spostarsi del possesso, ghax altrimenti jiffugura mhux r-reat tal-approprjazzjoni ndebita, imma s-serq.

2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx wkoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffigurax l-element tal-azzjoni ndebita.

[46] Xhieda awditur fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2010 a fol 166 u 170 tal-process

3. Illi l-oggett irid ikun mobbli;

4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga cioe japproprja ruhu minnha, jew jbiegha, jew jiddistruggiha a proprio commodo o vantaggio;

5. Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor" (Il-Pulizija vs Marbeck Cremona - Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) – 15/02/2007)

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni** deciza fid-9 ta' Gunju 1998, il-Qorti ghaddiet sabiex elenkat l-element essenzjali li isawwru dana ir-reat.

*"Dana ir-reat isehh meta wiehed (1) jircevi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku;(sottolinjar tal-Qorti) (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."*

Illi ghalhekk l-awtur ta' dana ir-reat irid ikollu l-intenzjoni specifika illi l-oggett li jigi fdat lilu u li ikun qed jippossjedi ghal ghan specifiku, jigi imdawwar minnu daqslikieku huwa l-proprjetarju u jaghmel uzu minnu jew jiddisponi minnu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor.

Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei:

*"La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio"* (**Manuale di Diritto Penale**, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)[47]

[47] Il-Pulizija vs Francis Camilleri deciza fil-25 ta' Gunju 2001 – Appelli Kriminali Inferjuri

Illi f'sentenza ohra deciza mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Gauci** deciza fl-14 ta' Frar 1997, l-Qorti tispjega b'mod semplici l-elementi ta' dana ir-reat:

*"Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "... taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u prova ta' jekk l-agent ma ikunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers."*

Illi finalment dwar id-*dolo* mehtieg ghal kumissjoni ta' dana ir-reat il-Qorti taghmel pjena referenza ghas-sentenza **Il-Pulizija v Dr. Seigfried Borg Cole** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Dicembru 2003 fejn il-Qorti hemmhekk ghamlet referenza ghal dak li qal il-gurista Luigi Maino fuq il-kuncett tad-*dolo* necessarju ghal ezistenza ta' dan r-reat. (***Commento al Codice Italiano UTET (1922)*** Vol IV para 1951 pagna 105 – 106):

*"Finalmente, a costruire il delitto di appropriazione indebita e' necessario il-dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta', a scopo d'indebito profitto per se' o per un terzo, <u>il dolo sara' costituito dalla volontarieta'</u>, <u>della conversione con scienza della sua illegittimita'e dal fine di lucro</u>; onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo,*

*non incorrera in reato chi ne disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo … il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' [come nel furto e nella truffa] l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita [e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza] il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche' non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inútilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e' costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."*

Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ivan Vella** il-Qorti tal-Appell Kriminali[48] irriteniet li "ir-*reat tal-misapproprazzjoni jidher illi dana ir-reat huwa ibbazat fuq l-abbuz tal-fiducja li tkun giet fdata lill-agent. Dana l-abbuz jissarraf fil-fatt illi l-agent idawwar oggett li ikun gie fdat lilu ghal ghan specifikat f'uzu differenti minn dak patwit tal-oggett ikkonsenjat, liema uzu divers madanakollu irid ikun sar b'mod intenzjonali mill-agent bl-ghan li jaghmel profit minnu ghalih innifsu. Dana l-agir minn naha tieghu ma iridx jammonta ghal semplicement uzu tal-oggett, izda l-agent irid iqies illi dak l-oggett sar proprjeta' tieghu u ghalhekk jaghmel uzu minnu bhala sid tieghu u dana bi profitt ghalih."*

Abbazi tal-provi fuq riportati tali imputazzjoni ma tirrizultax fil-konfront tal-imputati b'referenza ghaz-zewg partijiet civili. Irrispettivament mill-fatt ta' x'kienu d-deattlji tal-ftehim fis-sens kienx hemm partnership, assocjazzjoni ta' negozju, jekk il-kapital kellux jinhareg nofs bin-nofs, il-flus li Charles Aquilina ghadda kienu ntizi ghaliex dan huwa li rrizulta mill-provi prodotti sabiex isir negozju u

[48] Fit-3 ta' Ottubru 2001

gie ppruvat mid-difiza sal-grad tal-probabbli li l-flus intuzaw ghan-negozju bejn il-partijiet u spejjez relatati mieghu. Referenza ssir ghar-rapport u xhieda tal-awditur Anthony Cassar li wara li rrefera ghas-sistema kompjuterizzata u ghall-invoices u dokumenti sab li l-flus li hareg is-sur Aquilina huma kollha *accounted for.* Ma jirrizultax li ntuzaw ghal xi skop iehor minn dak miftiehem u lanqas li xi hadd mill-imputati ghamel xi qliegh ghalih. Inkwantu ghal John Bugeja lanqas irrizulta li ghaddew xi flus min-naha tieghu u l-versjoni moghtija minnu hija wahda inkonsistenti ghall-ahhar. U dan meta titqies l-ispjegazzjoni li ta Ronald Agius fuq il-pedana tax-xhieda u bil-produzzjoni ta' dokumenti biex jissostanzja dak li qal.

**L-Imputazzjoni ta' Frodi**

L-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat ta' Frodi huma ben stabbiliti fil-gurisprudenza taghna[49].

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat)*[50].

Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ukoll huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Fi kliem Antolisei[51]

*artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione*

[49] Ara s-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Anthony Fountain et deciza fil-15 ta' Dicembru 2011
[50] Ref Pulizija ve Carmela German AK deciza 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata.
[51] Manuale Di Diritto Penale (Giuffre) pagna 356

*del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera.*

Antolisei jkompli jghid pero li

*nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa*[52].

Illi f'dan is-sens anke l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar il-messa in xena:

*Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet*[53].

Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marjanu Zahra**[54]

*Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward*

---

[52] Op cit pagna 357

[53] Ref Pulizija vs Emanuel Ellul deciza 20.06.1997.

[54] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-2 ta' Marzu, 2011

*ta'l-elementi ta' dana ir-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat:*

***"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis ... Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir-reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi .....".*** *Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.*

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.*

*Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.*

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:*

a. *b'mezzi kontra l-ligi, jew*
b. *billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew*
c. *ta' kwalifiki foloz jew*
d. *billi jinqeda b'qerq iehor u*
e. *ingann jew*
f. *billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,*
g. *jew ta' hila*

*h. setgha fuq haddiehor jew*
*i. ta' krediti immaginarji jew*
*j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.*

*…. Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. …."*

*Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi* ***"hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."***

*Ghar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi* ***"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene."***

***"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."***

*Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.*

*Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa* ***"l'elemento del'danno patrimoniale"*** *Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "****I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)***

*Illi ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (Il-Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) :* ***"L'agente … deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."***

*Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza Il-Puliizja vs Carmela German (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004):* ***"Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."***

Il-prosekuzzjoni u l-parte civile jsostnu li l-imputati fil-fatt ghamlu uzu minn raggiri jew ingann b'tali mod li kkonvincew lil Charles Aquilina sabiex jaghmel xi forma ta' negozju maghhom. Isostnu li mill-korrispondenza jirrizulta li kien l-imputat Ronald Agius li hareg bil-proposti biex Charles Aquilina jiehu sehem fin-negozju tal-birra kif ukoll dak tal-pizza cono. Huma rreferew ghax-xhieda ta' Charles Aquilina [55] fejn spjega li ghadda l-flus lill-imputat bil-patt u l-kundizzjoni li l-ispejjez inizjali kellhom jinhargu u jinqasmu nofs bin-nofs. L-istess kellu jigri dwar il-qliegh jinqasam nofs bin-nofs u li l-istokk jasal u jinbiegh minghajr dewmien u spejjez zejda.

Isostnu li l-imputati ma nfurmawx lil Charles Aquilina li tali progetti kienu jinvolvu certu spejjez u li flusu biss kienu se jigu wzati biex ikopru l-ispejjez ghaliex il-kumpanija taghhom ma kellhiex assi u lilu ma qalulux. Min-naha l-ohra dejjem assigurawh li n-negozju kien miexi tajjeb. Il-parte civile qatt ma rcieva qliegh mill-flus li huwa ghadda lill-imputati. Huma ma kienux ituh rendikont ta' flusu ghaliex altrimenti kien jinduna u ma kienx ikompli jghaddilhom il-flus. Charles Aquilina ma jichadx li huwa gie muri xi forma ta' menu izda ma kienx mgharraf bl-ispejjez involuti. Jichad ukoll li qatt ma kien involut f'negozjati ma' terzi persuni sabiex jinstabu proprjetajiet biex tinbiegh il-pizza. Il-parte civile jallega wkoll li t-twaqqif tal-kumpanija

[55] Seduta tas-26 ta' Marzu 2013

S&GA Ltd (li giet registrata fl-istess zmien li l-partijiet kienu ghaddejjin bin-negozju) ma kienx biex jithallas id-dejn tan-negozju bejnu u Ronald Agius. Isostni wkoll li Charles Aquilina ma kienx gie mgharraf li tali kumpanija giet registrata u kienet se tinnegozja fl-istess kuncett ta' pizza cono. Isostni li l-ammont ta' €260,000 gew mghoddija go kont indikat mill-imputat GL Trading Ltd li Stephanie Theuma hi direttrici tgahha.

Illi d-difiza min-naha taghha filwaqt li ma tikkontestax in-ness bejn il-partijiet tissottometti li dan ma jistax jitqies in vacuo. Huma jsostnu li rrispettivament min isuggerixxa n-negozju, il-parte civile kien jaf x'qed jigri u kien ukoll jippartecipa. Inoltre' lanqas ma gie kkontestat mill-parte civile li l-istock inxtara u li l-intrapriza bdiet topera u li anki nxtara l-makkinarju. B'hekk jirreferu wkoll ghar-rapporti tal-awdituri.

Fil-fehma ta' din il-Qorti meta l-gurisprudenza u l-insenjamenti jigu applikati ghall-kaz odjern tqis li din l-imputazzjoni addebitata lill-imputati ma tistax tirrizulta:

- Hemm qbil li l-ftehim bejn l-imputat Ronald Agius u Charles Aquilina kien li f'dan in-negozju li dahlu ghalih li kien sehh fuq suggeriment ta' Ronald Agius u fuq accettazzjoni ta' Charles Aquilina, il-kontribuzzjoni kellha tkun nofs bin-nofs u l-qliegh ukoll jinqasam fl-istess persentagg.

- F'dawn il-proceduri gew prezentati diversi rapporti ta' awdituri. Wiehed mir-rapporti gie prezentat mill-espert nominat mill-Qorti Alan Vella. L-ohrajn minn Anthony Cassar li originarjament kien tqabbad ex parte mill-imputati izda imbaghad bi qbil bejn il-partijiet ghamel osservazzjonijiet u rrapporta lill-Qorti. Minn tali rapporti jirrizulta li gew prezentati in atti volumi ta' dokumenti li kienu fil-pussess tal-imputati. Dawn gew ezaminati mill-istess awdituri.

- Hemm fil-fatt tlett rapporti: l-ewwel wiehed huwa dak ta' Anthony Cassar[56] li kien gie inkarigat minn Dr Siegfried Borg Cole li kien qieghed jassisti lill-imputati qabel ma nbdew il-proceduri odjerni sabiex tinstab soluzzjoni amikevoli.

[56] a fol 35 tal-process

- Minn dan ir-rapport u x-xhieda ta' Anthony Cassar jirrizulta li wara li ezamina d-dokumenti rrizultalu li kien hemm attivita' ta' distribuzzjoni tal-pizza. Il-fondi gew minn partner minnhom, qiesu kien hemm a dormant partner u a managing partner. Dawn il-fondi kollha gew allokati fuq spejjez relatati direttament mal-attivita' tal-pizza. Huwa spjega li m'ghamilx audit normali izda investiga aktar fil-fond. Il-flus gew minn certu Sur Aquilina u ghandu d-dokumenti kollha. Din l-attivita' fil-fatt gie kkonfermat li tilfet il-flus. Ix-xhud hejja profit & loss account, balance sheet u hareg partners capital account. Huwa spjega li l-fondi kollha kienu relatati direttament ma' spejjez ossija reklamar, designs, packing materials, product samples, freight and transport, pagi u salarji, casual labour – spejjez normali ta' trading activity. Huwa kkonkluda li kien hemm zgur attivita' kummercjali. Huwa kkonkluda li kien hemm ftehim u dan seta' jikkonkludih mit-transazzjonijiet li saru u fhiex intefqu. Huwa qal li waqt l-awditjar investigattiv huwa ma kellimx lil Charles Aquilina. Huwa spjega li ghalkemm ma kienx hemm ftegim iffirmat, hag'ohra li tindika relazzjoni kummercjali kienet li l-pagamenti minghand Charles Aquilina ma sarux f'daqqa izda in tranches u ntefghu f'kont ta' GL Trading Ltd. Il-kapital (indikat fir-rapport) kien maghmul minn ricevuti minn barra u dawn tqassmu bejn Frar u Mejju 2007 u rrizulta li s-sur Aquilina ikkontribwixxa ghall-kapital. L-informazzjoni ghalkemm gabarha minghand Ronald Agius huwa ra l-original vouchers. Ix-xhud ikkonferma li hemm bilanc dovut lil Charles Aquilina. Dan il-flus ma thallsux ghaliex il-flus kollha li baghat intefqu fl-ispejjez u fl-istokkijiet u fil-makkinarju li hemm. L-istock u l-makkinarju ghadu jezisti. Biss pero' ghalkemm il-flus li baghat is-sur Aquilina intefqu kollha pero' meta ssir double-entry is-sur Aquilina xorta jigi kreditat bin-nofs li fadal. Huwa ma thallasx ghaliex flus m'hemmx. Ix-xhud qal li ra l-makkinarju b'ghajnejh u ra anki parti mill-istock. Huwa pprezenta zewg kaxxi kontenenti 25 box file[57], liema dokumenti huma relatati mal-ispejjez u revenue tal-partnership.

- L-espert komputista Alan Vella[58] gie nominat mill-Qorti biex jezamina Dok AC. Huwa rrileva li kien ikun aktar preciz fil-konluzjonijiet tieghu li kieku kien hemm kuntatt mal-imputat. Dan

[57] Dok AC1 u AC2 fis-seduta tat-12 ta' April 2010
[58] A fol 380 tal-process

ma sehhx minhabba ragunijiet procedurali. Ghalhekk thallew diversi mistqosijiet fir-rapport tieghu.

- Imbaghad eventwalment billi s-Sur Alan Vella m'accettax l-estensjoni tal-inkarigu tieghu wara li l-imputati xehdu, il-partijiet qablu li jigi nominat Anthony Casar u gie maqbul li r-rapport ghandu jifforma parti mill-atti u minflok jixhed fuq kull punt, ir-rapport ghandu jinghata l-istess valur probatorju daqs li kieku xehed bil-gurament[59] . Huwa ghalhekk intalab jiehu konjizzjoni tar-rapport ta' Alan Vella u jezamina l-mistqosijiet li kien ghamel l-espert fir-rapport tieghu u f'dak l-istadju seta' jitkellem mal-imputati. Huwa ra li VAT returns gew sottomessi lil VAT department u meta wettaq ix-xoghol tieghu qabbel il-VAT returns mal-profit & loss. Mis-sistema kompjuterizzata li sab fl-ufficcju ta' Ronald Agius irrizulta li l-business ghal partnership u business iehor gew ippowstjati fl-istess sistema pero' fl-istess software kien hemm segregazzjoni taghhom. Huwa kien jaf ghalhekk li transazzjoni kienet tappartjeni lill-partnership u ohra ta' xi haga ohra. Bazikament anki wara li ha l-kummenti tal-imputat, is-sur Cassar xorta wahda kkonkluda li kien hemm partnership u dan abbazi ta' zewg fatturi : ikollok parti tiffinanzja u jkollok parti tamministra; u l-investiment sar in tranches u ma kinitx transazzjoni ta' darba.

- Minn tali rapporti jirrizulta li nxtara makkinarju, li sar hlas ghal reklamar, ghal spejjez relatati man-negozju. Kif diga' gie rilevat l-istess makkinarju ghadu jezisti u Anthony Cassar apparti li ra l-ircevuti relattivi ra anki l-makkinarju b'ghajnejh.

- Ronald Agius spjega wkoll ix-xoghol li sar min-naha tieghu liema spjegazzjoni hija kredibbli billi l-istess awditur ikkonferma li saru spejjez relatati man-negozju.

- Inoltre' ghalkemm il-parte civile Charles Aquilina principalment ighix barra minn Malta jirrizulta li huwa kien ikun regolarment fl-ufficcju minn fejn kienu joperaw l-intimati. Ra wkoll xoghol ta' reklamar. Kien konxju li kienu bdew ibieghu l-pizza anki f'xi attivitajiet. Isostni li kien ilu jitlob rendikont u ma nghatax dettalji mill-imputati. Il-Qorti, filwaqt li taghti l-beneficcju tad-dubju li l-

[59] Verbal fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2016

parte civile seta' ma kienx konxju tad-dettall kollu ta' dak li kien qieghed isir, izda zgur ma jistax jinghad li kien thalla sajjem mill-informazzjoni. Ix-xhud Dr Pio Valletta xehed li huwa kien jara lis-sur Aquilina fl-ufficcju tal-Mosta u kien jisma' lis-sur Aquilina u lis-sur Agius jiddiskutu fuq dak li kienu se jaghmlu negozju fuqu. Anki mieghu kien hemm diversi laqghat fejn is-sur Aquilina kien prezenti ghalihom u ppartecipa fihom.

- Referenza ssir ghax-xhieda tal-istess parte civile meta jghid li fit-3 ta' Mejju 2007, Ronald Agius baghtlu invoice ta' €152,151[60] fejn l-istess imputat talab lill-parte civile jhallaslu wkoll sehmu ghaliex kellu xi flus barra u s-sur Aquilina hekk ghamel. Kwindi zgur ma jistax jinghad li s-sur Aquilina gie ingannat johrog il-flus u li l-imputat ma kienx se johrog flus ghaliex hawn kien avzat. Kien ukoll jaf ghalfejn u ghal-liema skop kienu se jservu dawn il-flus.

- Il-parte civile jirreferu ghat-twaqqif tal-kumpanija S&GA u donnu jallega li din il-kumpanija kienet se tkun kompetitur dirett tan-negozju li kienu qed jaghmlu. Biss pero' dawn huma biss allegazzjonijiet u supposizzjonijiet ghaliex ma giex ippruvat li fil-fatt dak kien il-hsieb jew li kien sar hekk fis-sens li xi flus li s-sur Aquilina ghadda marru ghand din il-kumpanija minflok. Ladarba qeghdin fil-kamp penali l-istess ma jistghux jittiehdu in kunsiderazzjoni.

- Irid jigi rilevat li l-intenzjoni ossija l-mens rea li jehtieg li tirrizulta ppruvata trid tkun b'referenza ghaz-zmien meta sar il-ftehim bejn il-partijiet u semmai meta ntalbu l-flus mill-imputat u mhux ghal dak li seta' gara wara. Dan fis-sens li l-fatt li kien hemm telf ta' flus mill-attivita' ma jfissirx necessarjament li kien hemm intenzjoni li l-imputat jew l-imputati riedu jiddefrawdaw lill-parte civile.

- F'dan il-kaz ma jirrizultax li meta bdew jiftehmu l-partijiet xi hadd mill-imputati uza xi raggiri jew ghamel xi messa in xena b'tali mod li abbazi tal-istess il-parte civile gie konvint johrog il-flus. Stephanie Theuma lanqas jirrizulta li kienet involuta fin-negozjati izda jirrizulta li hija kienet direttur tas-socjeta' GL Trading Ltd. In verita' fil-konfront ta' Stephanie Theuma personalment ma ngabux provi li b'xi mod remot jistghu jitfghu xi tip ta' htija fuqha. Hija ma

[60] Dok CA7 a fol 97 tal-process

kienitx partecipi fid-diskussjonijiet u kienet taghmel xoghol amministrattiv u xoghol iehor li mhux necessarjament kien relatat man-negozju bejn Charles Aquilina u Ronald Agius. Min-naha l-ohra rrizulta ppruvat li l-flus li gew depozitati fil-kont ta' GL Trading Ltd intuzaw ghan-negozju tal-pizza u mhux ghal xi negozju iehor li ma kellux x'jaqsam mieghu s-sur Aquilina.

- Jigi rilevat li l-fatt li rrizulta li kien biss Charles Aquilina li hareg il-flus u l-imputat/i ma hargux flus jew kwazi ma hargu xejn sa dak l-istadju, anki jekk jista' jinghad li l-imputat Ronald Agius seta' ta impressjoni mod iehor, l-istess imputat ha hsieb ix-xoghol amministrattiv flimkien mal-impjegati tieghu u kwindi f'dak l-istadju kien hemm kontribuzzjoni min-naha tieghu b'mod attiv. Tali agir seta' jew jista' jwassal ghal proceduri ta' indoli civili sabiex jigi deciz l-ammont li ghandu jigi rifuz lill-parte civile izda mhux penali.

- Gie ppruvat li l-operat tal-pizza in a cone kien beda u dan seta' anki jikkonstatah il-parte civile nnifsu.

- Irrizulta wkoll li l-imputat Ronald Agius ried li l-ftehim bejn il-partijiet ikun regolat. Tant huwa hekk li tkellmu mal-avukat Dr Pio Valletta u saru anki draft agreements tal-partnership wara konsultazzjoni mal-partijiet koncernati. Dan irrizulta mix-xhieda fuq riportata. Dan huwa wkoll indikattiv ta' kemm l-imputat Agius ma kellux l-intenzjoni frawdolenta.

- Hekk kif issottomettiet id-difiza l-kwistjoni hija ta' indoli civili ghall-kwistjonijiet u divergenzi li hemm bejn il-partijiet.

- Inoltre' kif diga' inghad jirrziulta mir-rapport tal-awditur Anthony Cassar li kull sold li baghat Charles Aquilina nstabu dokumenti u spjegazzjonijiet li jippruvaw kif intefqu fuq in-negozju, u dan huwa wkoll indikattiv kemm hadd mill-imputati ma kellu l-intenzjoni li jiddefrawdah ghaliex kif kellu jsir inzamm rekords ta' kollox u kien jitnizzel fis-sistema kompjuterizzata. L-imputati ma ghamlu l-ebda profitt jew gwadann a skapitu tal-parte civile izda naturalment dan ma jfissirx li civilment il-parte civile ma setax ikollu rimedju.

Inkwantu ghal dak li jirrigwarda l-parte civile John Bugeja l-Qorti tqis li x-xhieda tieghu kienet wahda inkonsistenti mentri Ronald Agius

spjega fid-dettal x'gara bil-produzzjoni ta' dokumenti u anki ta' xhieda fuq riportata li twassal lill-Qorti biex tikkonkludi li l-versjoni tieghu hija aktar kredibbli. Ezempju wiehed biss fil-kwerela John Bugeja allega li l-imputat iddefrawdah €12,000. Fix-xhieda tieghu jghid li ha zball u l-ammont kien ta' €1,200. Jghid li hareg il-flus ghall-kontejner huwa u fl-istess nifs ighid li harighom ix-xerrej tal-kontejner tal-birra! Ma pproduca l-ebda tip ta' dokument jekk allega li hareg xi flus fejn semma' ammonti sostanzjali senjatament madwar LM25,000. Il-kwistjoni li seta' kien hemm bejn il-partijiet kienet wahda semmai purament ta' indoli civili. Dan apparti l-fatt li Stephanie Theuma ma kellha x'taqsam xejn mal-kwistjoni tal-importazzjoni tal-birra. Is-sur Bugeja qal li huwa ma jafx jaqra u ffirma kull dokument li gie mghoddi lilu. B'kull rispett hadd m'ghandu jaqbad u jiffirma dokumenti ta' certu portata minghajr ma jiehu parir. Inoltre' rrizulta li s-sur Agius kellu jaghmel tajjeb ghal hlas ta' freight ecc billi l-istess sur Bugeja ma hallasx dak li kellu jhallas. Din il-Qorti ma rravizzat l-ebda raggiri jew messa in xena fil-konfront ta' John Bugeja mill-imputat.

Ghaldaqstant din il-Qorti ma ssibx lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom u minnhom tilliberahom.

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**